MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 8/2021/1 LM

**P&S Limited (C 4860)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Claude Camilleri (K.I. Nru 606863M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Claude Camilleri (K.I. Nru 606863M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni meħuda mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'I quddiem 'il-Bord'], fl-4 ta' Mejju, 2021 [minn issa

'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], li permezz tagħha laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti **P&S Limited (C 4860)** għad-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u ordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond magħruf bħala Palazzo Santa Rosa, sitwat fil-Bajja tal-Mistra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, inkluż il-parkeġġ relattiv, u għall-fini ta' żgumbrament iffissa terminu ta' żmien ta' tletin jum, u ddikjara li s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tal-intimat fl-ammont komplessiv ta' mija u sebgħa u erbgħin elf u erbatax-il Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€147,714.34), u kkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-imsemmi ammont ta' mija u sebgħa u erbgħin elf u erbatax-il Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€147,714.34), bl-ispejjeż inkluż dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment mal-istess proċeduri, u tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Mejju, 2017, u bl-imgħax legali b'effett mid-data tal-imsemmija uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Skont l-Avviż tas-Smigħ ta' Kawża relattiv li bih l-intimat ġie debitament notifikat fl-14 ta' April, 2021, ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti kellu oriġinarjament jinstema' quddiem il-Bord kif presedut mill-Maġistrat Dr Monica Vella bħala Chairperson, fit-30 ta' Marzu, 2021 fl-10:30 a.m., liema seduta ġiet differita għall-4 ta' Mejju, 2021 f'12:45 p.m. Fit-3 ta' Mejju, 2021 l-intimat intavola fir-Reġistru tal-Bord in-nota tiegħu *ai termini* tal-artikolu 16(5)(a) tal-Kap. 69, fejn hemmhekk issottometta l-fatti kif minnu edotti u li fid-dawl tagħhom it-talbiet rikorrenti kellhom għalhekk jiġu miċħuda in toto.

Meta fl-4 ta' Mejju, 2021 l-avukati difensuri tal-intimat dehru fl-awla quddiem il-Bord ftit qabel il-ħin tal-ewwel smigħ, ġew infurmati li l-kawża kienet instemgħet fil-11:10 a.m., kif imniżżla fil-verbal tad-differiment relattiv, u peress li l-intimat ma deherx, il-Bord għadda sabiex iddeċieda billi laqa' t-talbiet kif intqal aktar 'il fuq.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

3. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ra l-atti kollha tal-kawża.*
>
> *Ra illi l-intimat minkejja li debitament imsejjaħ diversi drabi ma deherx.*
>
> *Ra illi l-intimat minkejja li ppreżenta nota ta' oġġezzjonijiet (fn 1 A folio 33 tal-proċess), naqas milli jidher quddiem il-Bord sabiex jikkontesta l-kawża.*
>
> *Sema' lix-xhud Paul Vella, rappreżentant tas-soċjetá rikorrenti, jikkonferma bil-ġurament tiegħu t-talbiet kontenuti fir-rikors.*
>
> *Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata seduta stante mir-rikorrenti.*
>
> *Ra l-atti kollha inkluż id-dokumenti annessi mar-rikors.*
>
> *Sema' sottomissjonijiet għan-nom tar-rikorrenti.*
>
> *Ikkunsidra:*
>
> *Illi l-imsemmija atti jissodisfaw il-kriterji rikjesti taħt l-Artiklu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi l-intimat naqas milli jidher quddiem il-Bord sabiex jikkontesta l-kawża stante li għandu eċċezzjonijiet validi x'iressaq għat-talba tal-giljottina u jitlob li jingħata żmien sabiex jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet.*

*Illi x-xhud Paul Vella kkonferma l-ammont li s-socjetà rikorrenti għad trid tirċievi bħala ħlas tal-kera u li l-intimat għadu jokkupa l-fond minkejja l-iskadenza tal-ftehim tal-kera.*

*Illi konsegwentament it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa.*

***Decide:***

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qiegħed (1) Jilqa' t-talba għad-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) Jordna l-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond magħruf bħala Palazzo Santa Rosa, sitwat fil-Bajja tal-Mistra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, inkluż ukoll il-parkeġġ relattiv, u għall-fini ta' żgumbrament jiffissa terminu ta' żmien tletin jum mil-lum; u (3) Jiddikjara li s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont komplessiv ta' mija sebgħa u erbgħin elf u seba' mija u erbatax-il Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€147,714.34) kif premess; u (4) Jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-imsemmi ammont ta' mija sebgħa u erbgħin elf u seba' mija u erbatax-il Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€147,714.34). Bl-ispejjez inklużi dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Mejju 2017, u bl-imgħax legali b'effett mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat.".*

## L-Appell

4. L-appellant appella quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni msemmija permezz ta' rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju, 2021, fejn qiegħed jitlob it-tħassir u r-revoka tagħha in toto, u li tirriverti lill-partijiet għall-i*status quo ante* immedjatament qabel id-deċiżjoni appellata u għalhekk tirrinvija l-atti ta' din il-kawża quddiem il-Bord, sabiex jiġi riapppuntat ir-rikors promotur daqslikieku għadu se jsir l-ewwel smigħ *ai termini* tal-artikolu 16A tal-Kap. 69, bl-ispejjeż kontra l-appellata, jew ir-Reġistratur tal-Bord, jew kull persuna oħra kif jidhrilha xieraq din il-Qorti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

5. Is-soċjetà appellata wieġbet illi tirrikonoxxi illi effettivament seħħ żball ta' natura amministrattiva billi jidher illi l-appellant irċieva avviż tas-smigħ b'indikazzjoni ħażina tal-ħin tas-seduta datata 4 ta' Mejju, 2021 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u għalhekk is-soċjetà appellata tirrimetti ruħha għal dak li tista' tiddeċiedi din il-Qorti dwar l-Appell interpost mill-intimat appellant, b'dana li s-soċjetà appellata m'għandhiex tinkorri l-ebda spejjeż relattivi għal dan l-appell billi hija ma taħtix għal dan l-iżball amministrattiv, u ma kinitx infurmata bl-istess żball amministrattiv sakemm sar dan l-Appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ġunju, 2021 l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-fatti li jsir riferiment għalihom fir-Rikors tal-Appell, limitatament fir-rigward tan-notifika u l-ħin indikat fl-Avviż tas-Smigħ fil-proċeduri quddiem il-Bord fl-Atti tar-Rikors 8/2021MV, mhumiex ikkontestati, salv illi s-soċjetà appellata qiegħda tagħmel riserva fir-rigward tal-ispejjeż relattivi billi qed issostni li hija ma taħtix għall-iżball amministattiv li sar, u li hija ma kinitx infurmata bl-istess żball sakemm sar dan l-Appell. Din il-Qorti tqis għalhekk li l-ewwel u t-tieni talba fir-Rikors tal-Appell tal-appellant huma mistħoqqa u għandha tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi:**

**(a) Tilqgħu u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha;**

**(b) Tirriverti lill-partijiet għall-i*status quo ante* immedjatament qabel id-deċiżjoni appellata, u għalhekk tirrinvija l-atti ta' din il-kawża quddiem il-Bord, sabiex jiġi riapppuntat ir-rikors promotur daqslikieku għadu se jsir l-ewwel smigħ *ai termini* tal-artikolu 16A tal-Kap. 69.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**